MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2006

Numru 5741/2006

**Il-Pulizja**
**(Spettur Anthony Cassar)**

**v.**

**Emanuel Degiorgio**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Generali, minnu presentat il-bierah, li permezz tieghu talab li din il-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 574A(9) tal-Kodici Kriminali, tordna l-arrest mill-gdid u d-detenzjoni ulterjuri ta' Emanuel Degiorgio jew li temenda l-kundizzjonijiet, inkluz l-ammont tad-depozitu u tal-garanzija, li gew stabbiliti mill-Qorti Istruttorja;

Rat it-talba ta' l-Avukat tar-Repubbblika Anzjan Dott. Mark Said li permezz taghha talab li r-referenza ghall-Artikolu

574A(9) tigi sostitwita bir-referenza ghall-Artikolu 575(4A), dejjem tal-Kodici Kriminali;

Rat li ma kienx hemm opposizzjoni da parti ta’ l-intimat, u ghalhekk il-Qorti akkordat it-talba;

Semghet il-provi kif ukoll lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum;

Peress li hija l-fehma ta’ din il-Qorti li, fil-kwadru tal-problemi domestici ta’ bejn l-intimat u martu, karatterizzati b’dak li jidher li huma incidenti ripetuti ta’ vjolenza da parti ta’ l-istess intimat, sabiex jigi assigurat dak indikat fil-paragrafi (d) u (e) tas-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 575 tal-Kodici Kriminali, hu mehtieg li jsir hekk;

Tilqa’ t-talba ta’ l-Avukat Generali limitatament kif gej, u cioè billi thassar u tirrevoka l-kundizzjonijiet numru 2, 3 u 8 tad-digriet tal-Qorti Istruttorja tal-4 ta’ Jannar, 2006 u minflokhom taghmel is-segwenti kundizzjonijiet (il-kundizzjonijiet l-ohra jibqghu invarjati):

i. li l-intimat Emanuel Degiorgio jirrisjedi fl-indirizz Block 11, Flat 4, Hubbard Flats, Alexandra Street, Cospicua (u dan b’effett mill-11.00 ta’ filghodu ta’ ghada, 7 ta’ Jannar 2006), u li ma johrogx minn din ir-residenza hlief bejn is-7.00 a.m. u l-10.00 a.m. jew, b’arrangament ma’ l-Ispettur Anthony Cassar limitatament biex ikellem lill-Avukat tieghu jew biex jattendi l-Qorti (sia in konnessjoni ma’ din il-kawza sia in konnessjoni ma’ kawzi ohra);
ii. li jirraporta darba kulljum fil-Ghassa tal-Pulizija ta’ Bormla bejn it-8.00 am u d-9.00 a.m.; u
iii. li taht ebda cirkostanza ma ghandu, minn wara l-hdax ta’ filghodu ta’ ghada, jersaq lejn Marsaskala, ossia li jidhol fil-konfini territorjali tal-Kunsill Lokali ta’ Marsaskala.

L-intimat ghandu jibqa’ arrestat sakemm ma jobbligax ruhhu bil-miktub fir-rigward ta’ dawn il-kundizzjonijiet godda.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------